**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 24 *AD HOC***

IT-TNEJN 28 TA' ĠUNJU 2010 FIL-5.30 TA' FILGĦAXIJA

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I INIZJATTIVA PREMJU LOKALITAJIET INDAF

i Il-Kunsill iddiskuta diversi proposti għal din il-kompetizzjoni.

Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona li jsir tindif intensiv fiż-żona ta' fejn qed isir il-proġett tal-junction u li anke jsir landscaping tas-softareas biex ikun hemm impatt fuq l-ambjent. Il-Kunsill qabel li dan hu xogħol li huwa kollu nkorporat fil-proġett tal-junction u li mhux se jkun lest fil-futur immedjat.

Is-Sindku ppreżentat program bit-tema Doggy Week. Hija qalet li l-għan ta' din l-iskema hi li s-sidien tal-klieb ma jibqgħux iħammġu barra u jkerrħu l-ambjent. Il-Kunsillier E. Muscat qal li hu jaqbel ma din il-proposta pero' jixtieq li tiżdied magħha inizjattiva biex tħajjar anke iktar lin-nies jisseparaw l-iskart.

Il-Kunsill iddiskuta dawn il-proposti u ġie deċiż li dawn jiġu amalgamati flimkien. It-tema tal-program ġiet emendata għal Green Doggy Week.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-6.30pm. u sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 21 ta' Lulju 2010 fit-3.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv